# O ŻMIEN HELU...

## ..... Mnejn hi ġejja l-kelma "Qala"?

tagħrif u ritratti minn
Raymond C. Xerri, B.A.(Hons.)(USA), EU.Sch.(FRG), D.D.S., M.A.(Dip.St.)



**"Il-Qala"**, isem ir-raħal tagħna huwa wieħed kontraversjali. Hemm diversi nterpretazzjonijiet tat-tifsira u n-nisel propju tal-kelma "Qala". Hafna awturi esprimew il-ħsieb tagħhom tagħhom dwar x'jaħsbu li tfisser. Pero' minn kien li ta' l-isem lil raħalna? Meta bdiet tissejjaħ hekk? Mnejn ġejja l-kelma "Qala"? Mistoqsijiet interessanti u għadd ġmielu ta' risposti. Jew huma biss ħsibijiet? Huwa diffiċili ħafna li jssib it-tifsira u l-oriġini eżatta ta' dak li hu l-isem tar-raħal tal-Qala. Li hu ċert hu, li r-raħal tagħna kien wieħed mill-ewwel postijiet abitati fil-gżejjer Maltin. Ix-xehda ta' dan huma l-fdalijiet li nstabu u għaddhom jinsabu madwar ir-raħal kollu. Pero' anke fl-istorija riċenti ta' Għawdex, il-Qala kien minn ta' quddiem f'dik li hi abitazzjoni u kultura reliġuża. Il-fatt li l-part ta' Lvant ta' Għawdex (mir-Ramla sa Mġarr ix-Xini lejn Ras il-Qala) kien imsejjaħ Qala u li minnu ħarġu lokalitajiet oħra bħal in-Nadur, Għajnsielem u Kemmuna.

Meta jien għamilt ittfiċċija u r-riċerka meħtieġa, sibt dan li ġej u nizzilthom b'mod kronoloġiku:-

**1527** ***Il cala insibuha tissemmha għall-ewwel darba f'kuntratt ta' Nutar tal-20 ta' Awissu, 1527.***

**1647** ***Ras il-Qala, huwa l-isem mogħti lil parti l-aktar Lvant ta' Għawdex "Qala's headland",*** sibtha f'ktieb <u>Della Descrittione di Malta, Isola nel Mare Siciliano, con le sue antichita' ed altre notitie Libri Quattro</u> ta' Gian Frangisk Abela.




*Il-Qala jew 'Cala' kif insibuha fuq din il-mappa ta' Għawdex u Kemmuna, fejn il-Qala kient testendi mir-Ramla l-Ħamra sa l-Imġarr, b'Kemmuna b'kollox*




*Mappa ta' żmien il-Franċiżi f'Malta (1796-1800) li tindika s-Santwarju ta' l-Immakulata Kunċizzjoni tal-Qala bħala l-uniku maqdes nisrani mmarkat f'Għawdex. Hemm ukoll indikat il-Kastell (Rabat) u t-Torrijiet. Indikazzjoni oħra ċara hu li l-Qala kien raħal-ġnien.*

**1680** ***It-Tempju ta' Santa Marija tal-Qala jiġifieri qala tal-baħrin...*** insibuħa b'kitba bil-Latin ta' Patri Manduca S.J. meta kiteb dwar San Publiju Martri. Dan insibuħ dokumentat fil-ktieb ta'Magri, Santa Marija Tal-Qala, jew bil-Latin, Templum S. Mariae tal-Qala idest nautici carbasi...f'paġna 10 .

**1750** Fid-Dizzjonarju ta' Gian Frangisk Aguis de Soldanis, *Damma tal Kliem Kartagginis mscerred fel fom tal Maltin u Ghaucin* (Damma tal-Kliem Karteċiniż mxerred bil-fom tal-Maltin u Għawdxin) tal-1750, f'paġna 280v il-kelma ***Qala tfisser inlet jew daħla f'art.*** Il-Professur Joseph Quilina fid-Dizzjonarju tiegħu Maltese-English Dictionary jikwota din it-tifsira fit-Tieni Volum (M-Z) f'paġna 1108.

**1796** F'paġna 399 tal-Lexikon ta' Marija Anton Vassalli, jirreferi għal ***Ras il-Qala bħala traduzzjoni għat-Taljan bil-kliem Capo del golfo.***

**1904** Fil-ktieb Malta Cananea ta' A. Preca f'paġna 615 jirreferi għall-isem ***Qala*** jista' jkun ġej mill-kelma Caldes ***Qola*** bil-Malti ***qolla.*** F'dan is-sens, josserva li fil-kelma ***Qala*** ġejja mill-kelma Ebrajka ***Qaloh*** bil-Malti ***Qela,*** dan għaliex, skond l-osservazzjoni ta' Preca naraw kemm ir-raħal hu maħkum mix-xemx. L-istess verb ifisser ukoll faqar, għera allur l-isem Qala juri n-natura ta' l-art tar-raħal. Fl-aħħar wasal għal konkluzjoni li ***Qala*** jista' jfisser ***Eku.***

**1915** N. Tagliaferro fix-xogħol letterarju tiegħu L'Elemento Neo-Latino nel Lessico Maltese, jagħti lista oħra ta' tifsirijiet fosthom:-

1. ***Il-Qala, raħal f'Għawdex.***
2. ***Jsemmi 15-il isem ta' post f'Malta li jibda bil-kelma Qala.***

**1927** Fid-Dizzjonarju ta' R. Dozy, Supplement aux dictionnaires arabes, 2nd ed., 2 Vols., Leiden-Paris, insibu ***cala*** tfisser ***portus ostium vel statio.***



*Il-kelma "Cala" fi żmien it-twelid tal-Parroċċa tagħna fit 28 ta' April 1688. Iskrizzjoni storika, simbolika u ta' sinifikat kbir għal Qalin kollha.*

[redacted]
*Ut tantis inconvenientibus occurreret opere praetii duxisset aliquas ex Ecclesijs ruralibus a Matrice dismembrare et in novas Parochias erigere pro maxime ut solutio esset in contradis Sta*[redacted] *Mariae Virtutum del Zebbug, Sti Antonij della Caccia, Stae Margaritae ta' Sannat et Stae Mariae della Cala habitantibus, a quibus Dominationi suae Illmm super his reiteratae prece*[redacted] *porrette fuerunt veru adhibitis opportunis diligentijs doctis ho*[redacted] *sui animi votum in pracsim pro nunc reduci non posse cum no*[redacted] *supperat modus sufficientem Rectoribus sustentatione*[redacted]*signandi volens quantum in Dno sibi permissum est animar*[redacted]
*Sacerdotem Casalis Naxari unum ex Missionarijs Stae*

[redacted]*ernardum* [redacted]*aber Parochum exceptus*[redacted]
Mid-digriet ta' l-Isqof Cocco Palmieri
"*Cum in prima.....* *NAV, R. 792/10, 28/4/1688.*
"*In parochum et Rectorem Regionis sive Contratae S. Mariae de la Cala Sacerdotem D. Bernardum Haber et pro eius populi commoditate Ecclesiam Parochialem in spatio publico dicto t*[redacted] *Nadur secus domos ibi existen tes construi mandamus: Assignantes pro Ecclesiae dotem et congrua Parochi sustentatione prout in perpetuum assignamus de et ex spatiis*
[redacted]

**1934** Fil-ktieb ta' Dunstan G. Bellanti, Why Malta Why Għawdex, f'paġna 86-87 insibu, li ***Qala hija isem Feniċju mogħti lid-daħla tal-Imġarr minn dak il-ġens. Maż-żmien, jgħid il-kittieb, dan l-isem infirex mal-plajja kollha sa Ras il-Qala u aktar 'il quddiem għadda fuq it-territorju tar-raħal tagħna.***

**1964** Fit-Tieni Edizzjoni tal-ktieb Why Malta Why Għawdex, ta' Dunstan G. Bellanti f'paġna 78 jgħidilna hekk, ***Kienu l-Kartaġiniż wkoll li maż-żmien taw ismijiet lil diversi rħula, fosthom lil tagħna li semmewh "Qala".***

**1987** Fid-Dizzjonarju ta' Aquilina, ċertu wieħed Victor Galea mix-Xagħra u li joqgħod fir-Rabat, Għawdex ipprovda lista ta' kliem li qabel ma' kienx rekordjat, minn Għawdex. L-iskop oriġinali ta' din il-lista kienet biex tissupplimenta Il-Miklem Malti. Fil-lista nsibu l-kelma ***Qala bit-tifsira ta' 'native' jew pajjżan.***

Inħoss li ser ikolli nistaqsi. Mnejn hi ġejja l-kelma "Qala"? Dawn it-tifsiriet li sibt u oħrajn li għadni ma' nstabux, u li sabu l-istoriċi ta' qabli bħal Anton Buttigieg, P.E.P., huma indikazzjoni ċara li ma' hemmx qbil dwar it-tifsira vera ta' isem ir-raħal tagħna. Din hi l-ikbar xieħda li r-raħal tagħna huwa wieħed antik ħafna. L-isem tal-Qala huwa d-dokumentat għall-ewwel darba fl-1527 (ara fuq), l-isem Nadur jissemma fl-21 ta' Marżu 1533 u l-isem ta' Għajnsielem fl-17 ta' Frar 1587 b'żewġ kuntratti ta' Nutar.

## AWGURI U TALB - 60 Sena Miżżewġin

Okkażjoni mhux tas-soltu. Paul u Mikelina Camilleri għalqu 60 sena miż-żwieġ tagħhom.
Fis-Santwarju tal-Kunċizzjoni saret Quddiesa ta' Ringrazzjament immexxija mill-E.T. Mons. Nikol G. Cauchi, Isqof t'Għawdex. ikkonċelebraw flimkien miegħu l-Arċipriet Dun Karm Refalo, Dun Mikiel Buttigieg, Rettur tas-Santwarju u Fr. Godfrey tal-Patrijiet minuri.
"Għalina kienet okkażjoni ferm sabiħa li l-aħwa kollha kellna x-xorti niltaqgħu taħt saqaf wieħed" stqarr wieħed min uliedhom: Kompla jgħid li okkażjoni bħal din ħadithom lura għas-snin mgħoddija meta kienu jitrabbew.
Mikelina twieldet il-Qala fl-1914 u Pawlu twieled fin-Nadur fl-1913. Iżżewġu f'Novembru tal-1935.
Għandhom 9 itfal, ħamsa minnhom Għawdex u 4 emigrati l-Kanada. Huma nanniet ta' 15 u bużnanniet ta' 6.
F'isem il-Parroċċa awguri mill-qalb.



